# 148. Fil-Palazz ta' Versailles

Eluf ta' nies minn kull naħa tad-dinja
dan il-palazz grandjuż kull jum iżuru,
u qalb is-swali twal u qalb il-ġonna
u qalb l-agħdajjar mistagħġbin iduru.

'Mma n-nies li jiġu hawn ma jxerrdux demgħa
għar-Re Soleil, ir-re ta' Franza l-kbir,
u r-rejjiet ta' warajh lib new u żejnu
dan il-palazz grandjuż minn demm il-fqir.

In-nies tiġi tammira s-sengħa u l-arti
ta' l-arkitett famuż u tal-pitturi,
tal-ħaddiema lib new u naġru u naqxu
u żejnu l-ġonna bid-disinn tal-fjuri.

U tammira l-kuraġġ ta' meta qamu
kontra r-rejjiet, in-nobbli u l-qassisin,
u wrew lid-dinja kif iċ-ċittadini
għandhom jgħixu bħal aħwa lkoll ħelsin.